



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.10.2016
COM(2016) 677 final

2016/0332 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lin-Netherlands japplikaw livell imnaqqas ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

It-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku fl-UE hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE¹ (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-“Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija” jew id-“Direttiva”).

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet previsti b' mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tagħha, il-Kunsill, billi jaġixxi b' mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

L-Artikolu 15(1)(e) tad-Direttiva jippermetti lill-Istati Membri japplikaw tnaqqis fit-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa għall-elettriku għall-ġarr ta' oġġetti u passiġġiera bil-ferrovija, metro, tramm u karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku. Madankollu ma hemmx dispożizzjoni li tippermetti tnaqqis fit-taxxa għall-elettriku użat għat-trasport minn vetturi elettriċi differenti mill-karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jingħata permess lin-Netherlands japplikaw livell imnaqqas ta' tassazzjoni fuq l-elettriku, ipprovdut lill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Dan it-tnaqqis huwa maħsub biex iħeġġeġ l-użu ta' modi ta' trasport aktar nodfa, u jnaqqas it-tniġġis tal-arja lokali u l-emissjonijiet tal-CO₂ mit-trasport.

It-talba u l-kuntest ġenerali tagħha

Permezz ta' ittra datata d-29 ta' Marzu 2016, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva, l-awtoritajiet Olandiżi informaw lill-Kummissjoni li kellhom l-intenzjoni li japplikaw rata ta' taxxa mnaqqsa ta' EUR 49.96 għal kull MWh fuq l-elettriku fornut lill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, u dan għall-konsum annwali sa 10 MWh għal kull stazzjon tal-iċċarġjar. Il-konsum ta' aktar minn 10 imma li ma jaqbiżx il-50 MWh ikun intaxxat bir-rata ta' EUR 49.96; il-konsum ta' aktar minn 50 imma li ma jaqbiżx l-10 000 MWh ikun intaxxat b'rata ta' EUR 13.31 u l-konsum annwali ta' aktar minn 10 000 MWh ikun intaxxat b'rata ta' EUR 0.53. Fil-każ tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar li mhumiex koperti mir-rati ta' taxxa għal skopijiet kummerċjali, il-konsum annwali ta' aktar minn 10 000 MWh ikun intaxxat b'rata ta' EUR 1.07. Ir-rata ta' taxxa globali tkun oġhla mir-rata minima ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għal skopijiet kummerċjali kif stipulat fid-Direttiva 2003/96/KE. Ir-rata nazzjonali ta' tassazzjoni li attwalment tapplika għall-elettriku użat biex jiġu ċċarġjati l-vetturi elettriċi għall-ewwel 10 MWh tal-konsum annwali hija EUR 100.70 għal kull MWh² li hija r-rata nazzjonali ta' tassazzjoni għall-elettriku għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali għal dan il-livell ta' konsum. Fil-preżent in-Netherlands japplikaw rati tat-taxxa nazzjonali differenzjati³ għall-elettriku skont il-kwantità kkunsmata skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/96/KE.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003 p. 51)

² Il-livell ta' tassazzjoni tal-elettriku hija dik applikabbli f'Jannar 2016 (ara http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/excise_duties/energy_products/rates/index_en.htm).

³ In-Netherlands japplikaw rati tat-taxxa differenzjati għall-elettriku skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/96/KE fuq il-bażi tal-livelli ta' konsum kwantitattivi. Skont l-informazzjoni pprovduta f'Lulju 2016, ir-rati tat-taxxa nazzjonali huma kif ġej: EUR 100.70 għal kull MWh għal 0-10 MWh ta' elettriku kkunsmat f'sena, EUR 49.96 għal kwantitajiet oġhla minn 10 sa 50 MWh, EUR 13.31 għal

Fis-6 ta' April, fl-20 ta' Ġunju u fit-18 ta' Awwissu 2016, in-Netherlands baġtu informazzjoni addizzjonali.

In-Netherlands japplikaw ir-rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku fuq il-provvisti tal-elettriku lill-vetturi elettriċi minn stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi, kemm pubbliċi kif ukoll privati. L-istazzjon tal-iċċarġjar tista' tikkonsisti minn punt wieħed jew aktar tal-iċċarġjar, b'kull wieħed ikun kapaċi jiċċarġja vettura elettrika kull darba. L-operaturi tal-istazzjon tal-iċċarġjar u l-entitajiet privati jew korporattivi eliġibbli biex japplikaw ir-rata mnaqqsa jkollhom jissottomettu dikjarazzjoni lill-fornitur tal-elettriku li tgħid li l-konnessjoni tal-grilja hija esklussivament maħsuba għall-provvista ta' elettriku lill-vetturi elettriċi. It-talba magħmula min-Netherlands teskludi mid-dispożizzjoni lill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar fejn l-iċċarġjar iseħħ permezz tal-iskambju ta' batteriji, li jfisser li r-rata mnaqqsa mhix ser tapplika f'dawn il-każijiet.

Ir-rata ta' tassazzjoni globali, inkluża r-rata mnaqqsa għall-ewwel 10 MWh tal-konsum annwali ta' kull entità, tkun ferm oġġla mil-livell minimu stipulat fl-Anness I, Tabella C tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

Skont l-awtoritajiet Olandiżi, f'każ li l-operatur tal-istazzjon tal-iċċarġjar ikollu l-ħsieb li japplika rata ta' taxxa mnaqqsa fuq l-elettriku fl-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tiegħu, ikollu jippreżenta dikjarazzjoni lill-fornitur tal-elettriku li fiha jispjega liema mill-konnessjonijiet tal-grilja tiegħu huma esklussivament maħsuba għall-provvista ta' elettriku lill-vetturi elettriċi. Il-miżura tapplika biss għall-elettriku fornut lill-konnessjonijiet indikati li għalihom il-fornitur tal-elettriku japplika r-rata mnaqqsa. Barra minn hekk l-operatur tal-istazzjon tal-iċċarġjar huwa obligat jinforma lill-fornitur tal-elettriku jekk l-impriża tiegħu hija impiża f'diffikultà fis-sens li għandu problemi finanzjarji u huwa eliġibbli għall-ġhajnuna skont il-Linji Gwida dwar l-ġhajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impiżi mhux finanzjarji f'diffikultà (2014/C 249/01). F'dak il-każ il-fornitur ma jitħallix ikompli japplika r-rata ta' taxxa tal-enerġija mnaqqsa fuq l-elettriku.

Il-vantaġġ li jirriżulta mir-rata fit-taxxa tal-enerġija jvarja skont l-ammont ta' sigħat ta' megawatt. Fuq il-bażi tal-informazzjoni mis-settur, in-Netherlands iqisu li kull stazzjon tal-iċċarġjar tipprovdi medja ta' 1.8 MWh. F'dak il-każ il-vantaġġ massimu għal kull stazzjon tal-iċċarġjar fl-2016 huwa stmat għal EUR 101 għas-sena kollha. Dan il-vantaġġ ikompli jikber jekk ir-rata ta' taxxa tal-enerġija standard tiżdied.

Il-vantaġġ totali massimu (teoretiku) fl-2016 jintlaħaq jekk jiġu fornuti aktar minn 50 MWh ta' elettriku lil stazzjon tal-iċċarġjar, iżda fir-realtà dan diffiċli jseħħ.

Attwalment fin-Netherlands hemm għaxar operaturi tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar.

Il-miżura hija miftuħa għall-operaturi kollha tal-UE mingħajr diskriminazzjoni. Il-pajjiż tal-oriġini tal-operatur tal-istazzjon tal-iċċarġjar mhijiex kundizzjoni biex wieħed jibbenefika mill-miżura. Kumpanija tat-trasport jew familja li jkollha stazzjon tal-iċċarġjar jistgħu wkoll jibbenefikaw mill-miżura diment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Attwalment mhemmx inċentiv ta' negozju pożittiv għall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar pubbliċi. Dan huwa ostakolu għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-iċċarġjar pubblika u għall-użu tal-karozzi li jaħdmu bl-elettriku. Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb il-każ ta' negozju tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar pubbliċi, li għandu jagħmel l-użu ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku aktar attraenti u ġid għall-ambjent. Żvilupp mgħaġġel tal-infrastruttura tal-iċċarġjar pubblika huwa importanti ferm għat-tranżizzjoni minn vetturi b'magni ta' kombustjoni interna li

kwantitajiet oġġla minn 50 sa 10 000 MWh. Għall-konsum ta' aktar minn 10 000 MWh ir-rati tat-taxxa huma EUR 0.53 għal skopijiet kummerċjali u EUR 1.07 għal skopijiet mhux kummerċjali.

jaħdmu l-aktar bi fjuwils fossili għal vetturi elettriċi. Struttura żviluppata sew hija meħtieġa biex tagħmel il-vetturi elettriċi alternattiva fattibbli għat-trasport bit-triq tradizzjonali. Dan huwa importanti minħabba l-benefiċċji ambjentali tat-tranżizzjoni lejn is-sewqan bl-elettriku. Il-vetturi elettriċi jipproduċu inqas emissjonijiet tal-CO₂⁴ u sustanzi niġġiesa tal-ajru lokali (PM10, NO_x) mill-vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili. Skont l-awtoritajiet Olandiżi l-elettriku prodott mill-faħam ser jonqos minn 29 % għal 26 % mill-2014 sal-2020 filwaqt li l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli ser jiżdied minn 11 % għal 35 % mill-2014 sal-2020.

L-operatur tal-istazzjon tal-iċċarġjar ikollu l-għażla li jgħaddi l-vantaġġ (parti minnu) tal-miżura fuq il-klijenti tiegħu fil-forma ta' tnaqqis fuq ir-rati tal-iċċarġjar. F'dak il-każ il-kost tas-sjieda tal-vetturi elettriċi jonqos minħabba spejjeż orħos għas-sewqan. Dan johlqo inċentiv għall-konsumaturi biex jagħżlu karozza ġdida tal-elettriku minflok karozza ġdida li taħdem bil-fjuwils fossili. Effett pożittiv ieħor tar-rati aktar baxxi tal-iċċarġjar huwa li s-sidien ta' vetturi ibridi rikarikabbli li jistgħu jaħdmu kemm bl-elettriku kif ukoll bil-fjuwils fossili jkunu mħeġġa enerġija elettrika minflok fjuwils fossili għat-trasport.

L-argumenti tan-Netherlands dwar il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura

Fil-prinċipju, il-perjodu ta' applikazzjoni tad-deroga għandu jkun twil biżżejjed biex jipprovdi ċertezza legali lill-operaturi tal-elettriku, lill-entitajiet privati jew korporattivi. In-Netherlands talbu erba' snin meta mqabbla mal-massimu possibbli ta' sitt snin. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher xieraq li tingħata l-awtorizzazzjoni mitluba għal perjodu ta' erba' snin kif talbu n-Netherlands u kif permess mid-Direttiva.

Il-valutazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

Il-kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva jinqara kif ġej:

Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

Skont l-awtoritajiet Olandiżi, il-miżura nazzjonali kkonċernata tissodisfa dan ir-rekwiżit. Jirriżulta mill-intenzjoni tan-Netherlands li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u s-sustanzi niġġiesa tal-arja mill-vetturi u li jappoġġjaw l-għan tat-tibdil fil-klima tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tal-CO₂ u żżid is-sehem ta' sorsi rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija finali fis-settur tat-trasport. Huwa meqjus li l-possibbiltà ta' tnaqqis tat-taxxa fuq l-elettriku pprovdu lill-vetturi elettriċi joffri lill-konsumaturi inċentiv addizzjonali biex jużaw enerġija aktar nadifa u jtejbju l-ambjent.

• Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-politika

Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, kull talba għandha tiġi eżaminata filwaqt li jiġu kkunsidrati, fost l-oħrajn, it-tħaddim tajjeb tas-suq intern, il-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta u l-politiki tal-UE dwar is-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

⁴ Ara Il-Konsum tal-enerġija, l-emissjonijiet ta' CO₂ u kunsiderazzjonijiet oħrajn relatati mal-Vetturi b'Batterija Elettrika, l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Vetturi b'Batterija Elettrika (http://ec.europa.eu/transport/themes/strategies/consultations/doc/2009_03_27_future_of_transport/20090408_eabev_%28scientific_study%29.pdf). Is-sehem tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fin-Netherlands huwa ta' madwar 10 % tal-konsum totali tal-elettriku (ara r-rapport tal-2015 tal-awtoritajiet Olandiżi dwar il-Progress fl-Enerġija minn sorsi rinnovabbli fin-Netherlands 2013–2014, Id-Direttiva 2009/28/KE).

Il-mekkanika ġenerali tal-miżura kif deskritta mhijiex ser toħloq ostakli għall-kummerċ fl-UE. Il-miżura hija miftuħa għall-operaturi kollha tal-UE mingħajr diskriminazzjoni. Il-pajjiż tal-oriġini tal-operatur tal-istazzjon tal-iċċarġjar mhijiex kundizzjoni biex wieħed japplika l-miżura. Id-deroga ma twassalx għal xi problema fit-tħaddim tas-suq intern u ma tfixkilx is-suċċess tal-għanijiet tal-politika tal-UE speċjalment fl-oqsma tal-enerġija, tat-tibdil fil-klima u tal-ambjent.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura ser tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vetturi u tappoġġja l-miri fit-tul tal-UE għall-klima li tnaqqas l-emissjonijiet tal-CO₂. Skont l-estimi pprovduti mill-awtoritajiet Olandiżi t-taħlita tal-elettriku mistennija fin-Netherlands minn sors rinnovabbli ser tkun madwar 35 % fl-2020 u ser tilħaq il-41 % sal-2030. Skont in-Netherlands l-elettriku użat fl-infrastruttura tal-iċċarġjar pubblika joriġina kważi esklussivament minn enerġija rinnovabbli. Studju⁵ li sar fin-Netherlands juri li dan jista' jwassal għal tnaqqis ta' 70 % fl-emissjonijiet tal-CO₂, li huwa kompletament konformi mad-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Din l-inizjattiva hija kompletament konformi mad-Direttiva 2014/94/UE⁶ dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi. Din id-Direttiva titlob li l-Istati Membri jiżviluppaw oqfsa ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp tas-suq ta' karburanti alternattivi u l-infrastruttura tagħhom, b'mod partikolari fiż-żoni urbani/suburbani u f'żoni oħrajn b'densità ta' popolazzjoni għolja. Id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri jinstallaw għadd xieraq ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku sal-aħħar tal-2020.

Minbarra t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, użu aktar wiesa' ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku jgħin b'mod sinifikanti biex titjieb il-kwalità tal-arja. Il-hot-spots ta' tniġġis urban huma waħda mill-akbar sfidi u l-emissjonijiet mit-trasport huma l-akbar kontributor tat-tniġġis (b'mod speċjali għall-qbiż tal-limiti ta' NO₂) f'dan ir-rigward.

L-awtoritajiet Olandiżi jirrikonoxxu li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat favur l-operaturi tal-grilja li jipprovdu elettriku lill-vetturi elettriċi, li tista' tikkwalifika bħala għajnuna eżentata bħala kategorija skont l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE⁷.

Diment li l-miżura tirrispetta l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 44 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (ir-Regolament 651/2014/UE) kif ukoll il-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fih, il-miżura taqa' fl-ambitu ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament u għaldaqstant hija eżentata mir-rekwiżit ta' notifika minn qabel.

2. BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

⁵ TNO 'Energie- en milieu-aspecten van elektrische personenvoertuigen', (7 ta' April 2015), pp. 11 – 15.

⁶ Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, pp. 1-20).

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1-78).

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklussiva)**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE mhuwiex fih innifsu fil-kompetenza esklussiva tal-UE fit-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata l-kompetenza esklussiva, bħala kwistjoni ta' liġi sekondarja, li jawtorizza li Stat Membru jintroduċi eżenzjonijiet jew tnaqqis ulterjuri skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'risultat ta' dan, il-prinċipju ta' sussidjarjetà mhux applikabbli għal din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, billi dan l-att mhux abbozz ta' att leġislativ, ma jridx jiġi trażmess lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati biex tiġi evalwata l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-proposta għaldaqstant tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis tat-taxxa ma jeċċedix dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-għan inkwistjoni.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex-post/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġislażzjoni eżistenti**

Il-miżura ma teħtieġx evalwazzjoni tal-leġislażzjoni eżistenti.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba li saret min-Netherlands u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma teħtieġx valutazzjoni tal-impatt. L-impatt fuq il-prezzijiet huwa limitat, l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent huwa pożittiv peress li l-miżura għandha l-għan li tnaqqas l-użu tal-karburanti fossili u tippromwovi enerġija aktar nadifa fit-trasport.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tippredix simplifikazzjoni. Din il-proposta hija bbażata fuq talba li saret min-Netherlands u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma għandha l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma timponi l-ebda piż finanzjarju u amministrattiv fuq l-UE. Għaldaqstant, il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjega dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1 - In-Netherlands ser jitħallew inaqqsu r-rata għall-elettriku pprovdut lill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi li jipprovdu l-elettriku lill-vetturi elettriċi għal perjodu ta' erba' snin.

Il-livell ta' tassazzjoni wara t-tnaqqis ma jista' qatt ikun inqas mill-minimu tal-UE stabbilit fid-Direttiva 2003/96/KE u t-tnaqqis ser japplika għall-elettriku użat kemm mill-karozzi privati kif ukoll kummerċjali.

Il-miżura nazzjonali pprovduta minn din id-deċiżjoni hija parti minn politika mfassla min-Netherlands sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-CO₂, itejbu l-kwalità tal-arja, iżidu s-sehem tas-sorsi rinnovabbli fit-trasport u jikkontribwixxu għall-għan tat-tibdil fil-klima tal-UE. Il-miżura ser tipprovdi għal inċentivi għall-konsumaturi biex jaqilbu għal enerġija aktar nadifa fit-trasport.

Artikolu 2 – Dan l-Artikolu jipprovdi għal definizzjonijiet ta' 'vetturi li jaħdmu bl-elettriku' li mhumiex preżenti fid-Direttiva 2003/96/KE u li huwa konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE. Id-definizzjoni tipprovdi ċarezza dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura.

Artikolu 3 - L-awtorizzazzjoni mitluba tingħata b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 għal perjodu ta' erba' snin, kif mitlub min-Netherlands.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lin-Netherlands japplikaw livell imnaqqas ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku⁸, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2016 u skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE, in-Netherlands fittxew l-awtorizzazzjoni sabiex japplikaw rata mnaqqa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-vetturi elettriċi. Fuq talba tal-Kummissjoni, in-Netherlands ipprovdew informazzjoni addizzjonali fis-6 ta' April 2016, fl-20 ta' Ġunju u fit-18 ta' Awwissu.
- (2) Ir-rata mnaqqa ta' tassazzjoni għandha l-għan li tippromwovi l-użu tal-vetturi elettriċi billi tnaqqas l-ispejjeż għall-elettriku użat biex iħaddem lil dawn il-vetturi.
- (3) L-użu ta' vetturi elettriċi jevita l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja li joriġinaw mill-kombustjoni ta' petrol u diżil jew karburanti fossili oħrajn u għaldaqstant jikkontribwixxi għal titjib fil-kwalità tal-arja fl-ibliet. L-użu ta' vetturi elettriċi jista' wkoll inaqqas l-emissjonijiet tal-CO₂ fejn l-elettriku użat huwa prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-miżura għalhekk hija mistennija li tagħti kontribut lill-oġettivi tal-politiki ambjentali, tas-saħħa u tal-klima tal-Unjoni.
- (4) In-Netherlands talbet b'mod espliċitu li r-rata mnaqqa ta' tassazzjoni tkun applikata għall-elettriku pprovdut lil vetturi elettriċi kemm għall-użu kummerċjali kif ukoll użu ieħor u li l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar li mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku jkunu koperti wkoll.
- (5) In-Netherlands talbu li r-rata mnaqqa tat-tassazzjoni fuq l-elettriku tapplika biss għall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar fejn l-elettriku jintuża biex tiġi ċċarġjata vettura elettrika direttament u li ma tapplikax għall-elettriku pprovdut permezz ta' skambju ta' batteriji.
- (6) Rata mnaqqa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-vetturi elettriċi permezz ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar ittejjeb l-argumenti marbuta mal-vijabbiltà tan-negozju ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku fin-Netherlands, li għandu jagħmel l-użu ta' karożżi elettriċi aktar attraenti u jwassal għal titjib fil-kwalità tal-arja.

⁸ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

- (7) Minħabba n-numru limitat ta' vetturi elettriċi u l-fatt li l-livell ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-vetturi elettriċi permezz ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar ser ikunu oġhla mil-livell minimu ta' tassazzjoni għall-użu kummerċjali stipulat fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-miżura aktarx li ma twassalx għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni sakemm iddum għaddejja u għaldaqstant mhijiex ser taffettwa ħażin il-funzjonament xieraq tas-suq intern.
- (8) Il-livell ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-vetturi elettriċi permezz ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar li mhumiex għall-użu kummerċjali ser ikun oġhla mil-livell minimu ta' tassazzjoni għall-użu mhux kummerċjali stipulat fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-Artikolu 19(1) ta' dik id-Direttiva jrid ikollha żmien strettament limitat. In-Netherlands talbu li l-awtorizzazzjoni tingħata għal erba' snin sabiex ikun żgurat li l-perjodu ta' awtorizzazzjoni jkun twil biżżejjed biex l-operaturi ekonomiċi ma jaqtgħux qalbhom milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajnunna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

In-Netherlands huma awtorizzati japplikaw rata mnaqqsqa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar direttament użat għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi, minbarra dawk l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-iskambju ta' batteriji għall-vetturi elettriċi, diment li l-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE jiġu rrispettati.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandha tapplika d-definizzjoni ta' "vettura elettrika" stipulata fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁹ Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).